MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 648/2007

**Cimoplast Ltd. (C6921)**

**vs**

**Simon Abela (ID 268171M) u Renald Farrugia (ID 414778M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Gunju, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenuti, f'Jannar tas-sena 2005, makkinarju, li kien prezenti fil-fabbrika KW 43A, Corradino, Industrial Estate, Paola, liema fabbrika kienet gestita mill-istess socjeta' attrici;

Illi l-prezz globali ghal dan il-makkinarju, miftiehem bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenuti, kien ta’ erbatax-il elf u hames mitt lira Maltin (LM14,500);

Illi s-socjeta’ attrici, ftehmet max-xerreja, cioe l-konvenuti, li l-hlas ghal dan il-makkinarju ghandu jsir permezz ta’ pagament ta’ elfejn lira Maltin (LM2,000) mal-konsenja tal-makkinarju u l-bilanc ta’ tnax-il elf u hames mitt lira Maltin ghandu jithallas permezz ta’ pagamenti mensili ta’ hames mitt lira Maltin fix-xahar (LM500) fiz-zmien hamsa u ghoxrin (25) xahar;

Illi minkejja ghaddew izjed minn tmienja u ghoxrin (28) xahar ghad fadal bilanc dovut ta’ ghaxart elef u mitejn lira Maltin (LM10,200) (Dok. A);

Illi l-ammont intalab kemm il-darba minghand il-konvenuti izda huma baqghu ma hallsux; ghalhekk l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici il-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talba li qed issirlu;

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikolu 167 ta’ Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;
2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elf u mitejn lira Maltin (LM10,200) ammont minnhom dovut ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija;

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Lulju, 2007 li permezz tieghu iddikjarat illi l-kawza ma setghetx tinstema bid-dispensa tas-smigh, kif provdut fl-Artikolu 167 tal-Kap. 12 u ordnat illi l-kawza issir fil-kors normali taghha u

pprefiggiet lill-konvenuti t-terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata biex jipprezentaw ir-risposta taghhom;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b’hekk baqghu kontumaci;

Rat l-affidavit ta’ Michael Debono u ta’ Mark Brincat ipprezentati fir-registru ta’ din il-Qorti fl-1 ta’ April, 2008;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Mark Debono ghas-socjeta’ attrici fis-seduta tat-2 ta’ April, 2008 jiddikjara illi s-socjeta’ attrici baqghet ma thallset xejn minn meta giet ipprezentata l-kawza sa dakinhar;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba attrici u tilqa t-tieni talba attrici, kif dedotta fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elf u mitejn lira Maltin (LM10,200), ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf seba mija u disgha u hamsin Euro u wiehed u sittin euro centezmu (€23,759.61) dovuta kif inghad; bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------